MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira

# IS-SEBGĦA LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 58

[Nhar it-Tlieta 3 t' April 2018]

Il-Kunsilli Lokali l-Gżira ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 283/1 Rue D'Argens, il-Gżira], fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Conrad Borg Manche – Sindku
Ralph Mangion– Viċi Sindku
Neville Chetcuti – Kunsillier
Wayne Hewitt – Kunsillier
Jeremy Cardona– Kunsillier
Graziella Attard Previ – Kunsilliera

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Joseph Galea – Kunsillier

ASSENTI

N/A

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Anthony Attard – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku ppreseda l-laqgħa fis-5.30pm.

## 58.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

58.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv spjega kif is-sur Joseph Galea qed jirkupra l-isptar u ma jistax jattendi. Kien skużat mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.
Il-kunsilliera Graziella Schembri bagħtet biex tgħid illi se tittardja ftit.

## 58.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

58.2.1 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-Minuti tal-laqgħa Nos 57. Il-Viċi Sindku ssekondaħ.

58.2.2 B'referenza għall-punt nru. 57.3.1 il-Kunsill qabel illi nagħtu sossidju lir-residenti u lill-anzjani. Kumpaniji għandom iħallsu l-ammont totali.

58.2.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi Posh Turkish ma ingħatax permess għat-tables and chairs.

58.2.4 L-istima għall-Junction Box bit-thermoplastic ġiet €1535.77 [ref punt 57.5.2]. Il-Kunsill qabel illi nibdew bil-junction box ta' Rue D'Argens. Wara diskussjoni fuq street markings bit-3D, is-Sindku ppropona li napplikaw biex isiru. Il-kunsillier Wayne Hewitt isekkondaħ.

58.2.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi TM bagħtu email biex jgħidu li sabu l-file rigward l-Alighting and Boarding ta' Fleet Str. u b'hekk se terġa ssir. Qal illi avża lil TM illi fil-preżenza tas-Sindku u tal-Viċi Sindku kien ġie diskuss ir-rikwest biex it-tabelli jsiru bil-ħinijiet. Il-Viċi Sindku ppropona li filgħaxija wieħed ikun jista jipparkja f'dawn il-bays. Is-Sindku ssekondaħ.

Il-kunsilliera Graziella Schembri daħlet fis-6.25pm

## 58.3 Korrespondenza mas-Sindku

58.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qara korrispondenza li kellu ma supplier għan-notice boards fejn qal illi dawn jiswew €1250 [VAT mhux inkluż]. Se jinġabru iżjed stimi u dawn għandom isiru fuq il-bankina fil-crossroad ta Gzira Road u Manoel De Vilhena u max-Xatt.

58.3.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi TM approvaw Un/Loading barra Video Store ġewwa triq il-Flotta. Il-Kunsill ma qabilx u talab raġuni għalfejn ma talbux għan-no objection minn naħa tagħna.

58.3.3 Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li saret kaxxa bajda barra travel Agency ġewwa triq Nazju Ellul peress illi dan m'għandux garaxx u peress illi hemm tarġa quddiem il-premises tiegħu. Dan oġġezzjona li tneħħiet il-kaxxa s-safra u irċevejna ittra mingħand l-avukat tiegħu. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien bagħat emajl dakinhar stess lill-individwu fejn talab illi hu jibgħat provi li

hemmhekk għandu garaxx u talab ukoll għall-permess minn naħa tal-PA. Sal-ġurnata tal-laqgħa ma rċevejna l-ebda risposta.

58.3.4 Il-Kunsill Lokali qabel mal-proposta li ssir laqgħa fil-premises tal-Kunsill, flimkien mal-AVRR, ħalli jkun hemm taħriġ/għajnuna għall-immigranti biex jibdew ħajja ġdida lura d-dar tagħhom jew pajjiżi oħra. Is-Sindku ppropona li nagħtu l-go ahead u l-kunsilliera Graziella Schembri ssekondat il-proposta.

58.3.5 Is-Sindku ppropona li niltaqgħu ma min qed jibni fis-sit ta' Adelphi wara li għamlu talba biex jieħdu parking bays ġewwa triq ir-Rebħa biex jaħdmu mingħajr ma jagħlqu t-triq. Zied illi bil-lejl ir-residenti xorta għandom jipparkjaw izda ried jiltaqa' magħhom l-ewwel.

## 58.4 Mistoqsijiet tal-kunsilliera

58.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ma rċieva l-ebda mistoqsija mill-kunsillieri qabel il-laqgħa.

## 58.5 Rapporti

58.5.1 **Bank Guarantees**: Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta talba, u ritratt, għar-rilaxxa ammont ta'garanzija fuq il-bankina:

Triq il-Ġnien: Il-Kunsill qabel illi dan jingħata l-garanzija lura

58.5.2 **Tower Crane**: Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta site plan fejn hemm talba biex isir Tower Crane ġewwa Gżira Road. Qal illi kien bagħat lil TM ħalli naraw x'traffic management hemm bzonn izda ma rċieva l-ebda risposta sal-laqgħa. Is-Sindku qal illi kellu d-dubji rigward is-sigurta jekk issir Tower Crane fl-area. Se ssir laqgħa mal-Perit u l-Kunsill se jistenna risposta mit-TM ukoll.

58.5.3 **Bye-law [kostruzzjoni]**: Il-kunsilliera qalu li ma kienux raw id-dokument li ġiet mibgħuta qabel il-laqgħa. B'hekk il-bye law se tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

**Iċ-Chairman approva t-talba tal-kunsillier Wayne Hewitt biex jiġi diskuss il-mozzjoni qal l-items oħra tal-Aġenda. B'hekk il-Kunsill qabel għal punt 58.7 tal-Aġenda**

## 58.7 Mozzjonijiet

58.7.1 Il-kunsilliera Graziella Schembri bagħtet mozzjoni, is-sekondat mill-kunsillier Jeremy Cardona, biex il-kunsillieri jingħataw observer status fil-laqgħat u negozji li jsiru mall-Fondazzjoni Manoel Island. Għamlu talba biex ikunu preżenti biex josservaw biss li qed jiġri.
Is-Sindku qal illi kulħadd jista jiġi josserva u li m'hemm xejn li l-pubbliku m'għandux ikun jaf. Aċċetta li jressaq il-proposta lill-Fondazzjoni għax huma għandom jagħtu l-go ahead. Fakkar illi hu ċ-Chairman tal-Fondazzjoni u ma jsib l-ebda oġġezzjoni li jkunu preżenti bħala observers.
Ittieħed vot fuq il-mozzjoni li għaddiet b'sitt voti konta zero. Se tintbagħat ittra mill-Kunsill lill-Fondazzjoni bit-talba.

Il-kunsillier Wayne Hewitt talab illi jkun skużat fis-7.25pm. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv approvaw it-talba u telaq.

## 58.6 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

58.6.1 **Gzira Day**: Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-istimi għall-affarijiet neċessarji għal Jum il-Gżira. Il-kunsillier Jeremy Cardona qal illi ra l-poster u induna li m'hemmx talent lokali tat-tfal fil-programme. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi meta tkellem mal-organizzatur kienu tkellmu fuq essay kompetizzjoni, jew tal-poeziji, għat-tfal.
Il-kunsilliera Graziella Schembri staqsiet dwar il-possibilita li ssir laqgħa mall-organizzatur. Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni.
Il-Kunsill qabel mall-istimi. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar illi mhux possibbli naqbżu l-ammont ta' €3500 għal Jum il-Lokalita.

58.6.2 **Reserved Parking**: Il-kunsillier Neville Chetcuti qal illi r-RESERVED bay barra Tony and Guy ġewwa Rue D'Argens għanda titneħħa. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi dawk ir-Reserved u Un/Loading li ma kienux hemm bil-permess ta' TM diġà tneħħew. Żied illi waqt illi ħaseb illi l-bay kienet fil-lista se jiċċekkja izda kiku tneħħiet. Żied illi dawn jitneħħew biss bl-approvazzjoni tat-TM.

58.6.3 **Luqa Briffa**: Il-kunsillier Neville Chetcuti qal illi niżlet il-parti tat-triq Luqa Briffa c/w Sliema Rd. Is-Sindku qal illi għandna naraw lis ssir malajr mill-Aġenzija l-ġdida tat-toroq.

58.6.4 **Quadbikes**: Il-kunsillier Neville Chetcuti qal illi reġa hemm quadbikes u muturi bla liċenzji ġewwa Luqa Briffa. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi t-TM kemm il-darba ġew innotifikati biex ikun hemm infurzar. Inbagħtu anka l-wardens.

58.6.5 **Armar tal-Festa**: Il-kunsillier Jeremy Cardona staqsa jekk hux possibbli li kuntratturi li għandom ħafna xogħol ġewwa l-lokalita jħallsu biex ikun hemm nies li jieħdu ħsieb l-armar għall-festa peress illi m'hemm ħadd illum il-ġurnata. Is-Sindku qal illi l-problemi ġejjin minħabba affarijiet oħra. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi bħala Kunsill għandna nkunu 'mediators' izda fl-ebda ħin ma nieħdu l-flus aħna biex issir ix-xogħol.

## 58.7 Mozzjonijiet

58.7.2 Bord tal-Għażla Premju Ġieħ il-Gżira: Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi dawn illi ġew mitlubin għall-Bord, wara diskussjoni fl-aħħar laqgħa kienu s-sinjura Marisa, is-sur Daniel Bruno u s-sur Joseph Ian Attard. Il-kunsilliera Graziella Schembri staqsiet dwar il-possibilita li mara oħra tkun fil-Bord. Is-Sindku ppropona s-sinjura Monica Galea. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hemm bzonn 5 nies fil-Board [even number] u l-kunsilliera għandom jinnominaw nies biex ikunu fil-Bord sa nhar il-Ġimgħa 6 ta' April.

## 58.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

58.8.1 Il-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti.

## 58.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

58.9.1 Il-laqgħa intemmet fit-8.30pm u ġiet aġġornata għall-24 ta' April 2018 fil-5.30pm

Konfermati, illum il-Tlieta 24 t' April 2018.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Conrad Borg Manche<br>Sindku | Anthony Attard<br>Segretarju Eżekuttiv |